**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dottor Giovanni Grixti LL.D. LL.M.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Antonello Grech)**
**- vs -**
**Pawla Xerri ta' 50 sena mart Mario bint Joseph Borg u Loreta nee Cordina li toqghod Plot 59, Triq Bingemma, Nadur, Ghawdex.**
**(I.D. No. 21849G)**

Illum 6 ta' Gunju 2001.

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputata talli fid-29 ta' Mejju 1998 ghall-habta bejn it-8:00p.m. u l-10:00p.m. fi Triq Papa Ljun XIII, Nadur, Ghawdex (1) naqset li tobdi ordni legittima moghtija lilha mill-Pulizija, (2) ingurjat lil PS 1040 John Grima persuna nkarigata skond il-Ligi minn servizz pubbliku waqt li kien qed jaghmel dan is-servizz bil-hsieb li tbezzghu jew tinfluwixxi fuqu kontra l-Ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz, (3) naqset li taghti l-partikularijiet taghha lill-Pulizija meta dawn gew mitluba lilha.

Semghet il-provi;

Rat ir-relazzjoni tal-perit tekniku nkarigat minn din il-Qorti kif preseduta sabiex ihejji skizz tal-lok in kwistjoni stante dizgwid bejn il-partijiet dwar fejn hu post pubbliku u fejn hu l-parti privata mertu ta' l-akkuza;

Ikkunsidrat illi din il-kawza kienet istitwita mill-pulizija wara li l-imputata oggezzjonat u fizikament indahlet fuq xogholijiet ta' kostruzzjoni meta terzi persuni riedu jghaddu bil-gaffa minn fuq proprjeta li tallega li tappartjeni lill-familja taghha u jsir ukoll xoghol ta' kostruzzjoni fuq l-istess sit li in parti jappartjeni lilha.

Minn dak li semghet il-Qorti ma jidhrix li hemm kontestazzjoni dwar il-fatt illi l-isqaq li kienet tinstab fih il-gaffa, lesta ghax-xoghol jappartjeni lill-imputata u l-familja taghha u bir-ragun din u l-istess familjari riedu jkunu jafu x'qed taghmel hemm il-gaffa. Minkejja dan, l-imputata sabet lis-Surgent 187 Mario Cassar pront jordnalha ma titharrikx ghaliex altrimenti jarrestaha. Dwar dan jehtieg ikun ezaminat jekk l-ordni tla-Pulizija, f'dan il-kaz PS 187 kienetx wahda legittima o meno.

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell fil-25 ta' Gunju 1997 per Onor. Imhallef Vincent De Gaetano, l-Qorti qalet hekk "Ordni jitqies legittimu ghall-finijiet tal-kontravenzjoni" kkontemplata fil-paragrafu (ee) ta' l-artikolu 338

tal-Kodici Kriminali jekk ikun prima facie regolari fil-kontenut tieghu u fil-forma li bih jinghata (Koll Vol LXXXI – 1997 Pt IV).

Issa hawn irid jinghad illi fit-trattazzjoni tal-kawza kien allegat illi PS 187 kellu xi interess personali fl-akkadut (kien hawn li l-Qorti ordnat it-tehid tax-xhieda b’mezzi elettromanjetici); inghad ukoll illi l-imputata ikontestat il-fatt illi tal-gaffa kellu xi dritt jghaddi mill-proprjeta taghha u l-perit ta’ l-Awtorita` ta’ l-Ippjanar xehed illi x-xoghol suppost beda wara l-4 ta’ Gunju 1998 skond il-commencement notice. Izda PS 187 xehed illi hu qara l-permess u ghalih kollox kien regolari u ordna t-tkomplija tax-xogholijiet minkejja li l-avukat ta’ l-imputata nfurmah illi l-Qorti kienet appena laqghet rikors ghall-mandat ta’ inibizzjoni. Fi kwistjoni purament civili l-pulizija ftit ghandha gurisdizzjoni hlief li zzomm l-ordni pubbliku. F’dan il-kaz il-Qorti ma tistax tifhem u taccetta kif il-Pulizija tat ragun lill-persuna u ordnat tkomplija ta’ xogholijiet u sabiex il-parti li qed tilmenta toqghod kwieta, twarrab minn nofs fuq penali ta’ arrest fin-nuqqas. Ma hemmx dubju li l-ordni tal-Pulizija f’dan il-kaz ma kienetx wahda legittima, la prima facie wisq anqas wara ezami profond ta’ l-istess ordni in retrospettiv. Din il-Qorti tkompli tistaqsi ghaliex PS 187 ta din l-ordni; ghaliex baqa’ fuq il-post minkejja li kien spicca id-duty tieghu u nizel jissostitwih Ps 1040; ghaliex xehed quddiem il-perit tekniku meta dan kien l-uniku persuna li ghamel hekk mix-xhieda kollha u meta l-inkarigu tal-perit arkitett kien “limitat sabiex ihejji pjanta w indikazzjoni ta’ fejn allegatament saru xi hsarat u dhul illecitu”.

Dan ma jfissirx illi persuna ghandha dritt tingurja jew thedded ufficcjal jew ufficcjali tal-Pulizija u ma tikkoperax maghhom fl-ghoti ta’ particulars u talbiet simili, izda f’dan il-kaz ma hawnx prova sufficjenti ta’ dan.

Ghal dawn il-mottivi ma ssibx lill-imputata hatja u tilliberaha.

(ft) Giovanni Grixti
Magistrat

(ft) Eva Buttigieg
Skrivana

Vera Kopja

Ghar-Registratur